RAPPORT TA' **SORVELJANZA**

# Rapport epidemjoloġiku annwali 2012

Sommarju

Dan ir-rapport jippreżenta l-analiżi tad-dejta ta' sorveljanza rrapportata għall-2010 mis-27 Stat Membru tal-UE u tliet pajjiżi taż-ŻEE kif ukoll analiżi ta' perikli ta' mard li jittieħed identifikat fl-2011. Huwa maħsub primarjament għal dawk li jfasslu l-politiki, dawk bi rwoli amministrattivi fis-servizz tas-saħħa, l-epidemjoloġisti u r-riċerkaturi, kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Għandu l-għan li jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-mard li jittieħed ta' importanza għas-saħħa pubblika. Ir-rapport jindika wkoll oqsma li fihom jista' jkun hemm bżonn ta' rispons issoktat jew miżjud tas-saħħa pubblika sabiex tonqos il-preżenza ta' dan il-mard.

Għad li l-kwalità u l-paragunabilità tad-dejta rrapportata fil-livell Ewropew għadhom qed jitjiebu, il-qarrej xorta waħda jingħata l-parir li jevita milli jagħmel paraguni diretti tad-dejta preżenti bejn il-pajjiżi. Is-sistemi tas-saħħa u s-sorveljanza jvarjaw sew, u r-relazzjoni bejn ir-rati ta' każijiet irrapportati u l-okkorrenza proprja tvarja bejn il-pajjiżi għal diversi mard.

## Infezzjonijiet fl-apparat tat-teħid tan-nifs

Ix-xitwa tal-2010-11 kienet l-ewwel staġun ta' influwenza wara l-pandemija tal-2009. Il-virus pandemiku (influwenza A(H1N1)pdm09) baqa' jiċċirkola b'mod wiesa' u kien il-virus tat-tip A dominanti fl-Ewropa, f'ċirkolazzjoni simultanja ma' sehem dejjem ikbar ta' virusijiet tat-tip B fi tmiem l-istaġun. B'mod simili għall-aħħar perjodu interpandemiku (1970 sal-2008), l-istaġun tal-2010-11 wera progressjoni ċara mill-Punent lejn il-Lvant fl-epidemiji nazzjonali, u dan ħaffef il-produzzjoni tal-valutazzjoni annwali tar-riskju staġjonali.

Disa' pajjiżi rrapportaw każijiet ta' influwenza kkonfermati mil-labortorju li ddaħħlu l-isptar: 91.4% kienu infettati bit-tip A u 8.6% bit-tip B. Il-maġġoranza assoluta tal-virusijiet tal-influwenza A sottotipati (99.2%) kienu virusijiet A(H1)pdm09. F'pazjenti b'tagħrif disponibbli, 27.5% tal-pazjenti li ddaħħlu l-isptar ma kellhom ebda kundizzjoni oħra fl-istess ħin. Minħabba li matul l-istaġun pandemiku (2009–10), l-adulti żgħażagħ u b'età medja infettati bir-razza

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, Stokkolma, 2013

pandemika spiss kienu jeħtieġu kura intensiva, u dan xeħet pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa ta' ċerti pajjiżi, minkejja ċirkolazzjoni tal-influwenza ġenerali b'intensità ħafifa.

Il-virusijiet ċirkolanti ftit li xejn urew tendenza antiġenika matul l-2010–11 u baqgħu jaqblu sew mal-vaċċin tal-influwenza staġjonali, b'effikaċja medja osservata tal-vaċċin. Għall-kuntrarju ta' qabel il-pandemija, ftit li xejn ġiet osservata reżistenza għal oseltamivir fil-virusijiet ċirkolanti A(H1N1), u ma nstabet ebda reżistenza għal zanamivir.

L-epidemjoloġija tal-influwenza avjarja fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE fl-2010 ma kinitx notevoli; instabu tliet tifqigħat ta' influwenza avjarja ferm patoġenika (HPAI) u 13-il tifqigħa ta' influwenza avjarja kemxejn patoġenika (LPAI). Fl-Ewropa ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' influwenza avjarja.

Tagħlima konsistenti waħda mill-analiżijiet tal-esperjenza tal-influwenza pandemika fl-Ewropa hija l-bżonn li tissaħħaħ is-sorveljanza ta' rutina tal-influwenza staġjonali fl-isptarijiet u l-koordinazzjoni tagħha fil-livell Ewropew. Is-sistemi għas-sorveljanza li qed jaħdmu sew jistgħu jiġu adatti għal sitwazzjonijiet pandemiċi; ma jistgħux jiġu żviluppati minnufih *de novo* matul emerġenza fis-saħħa pubblika. Hemm ħtieġa ssoktata li jiżdied it-teħid tal-vaċċin kontra l-influwenza u li titjieb is-sorveljanza għall-iżvilupp tar-reżistenza għall-mediċini antivirali. Is-sistemi ta' sorveljanza għall-influwenza fl-annimali, b'mod partikolari fit-tjur u l-ħnieżer, trid tkompli tiġi żviluppata.

## Tuberkulożi

It-tuberkulożi (TB) għadha infezzjoni komuni li tikkaġuna ammont sostanzjali ta' mard, b'iktar minn 70 000 każ li għadhom jiġu notifikati fis-sena fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE. Ir-rata ġenerali ta' każijiet irrapportati ta' TB tkompli tonqos b'madwar 4% fis-sena. L-epidemjoloġija għadha kkaratterizzata minn pajjiżi b'inċidenza għolja li jirrapportaw tnaqqis kontinwu fir-rati, kif ukoll minn pajjiżi b'inċidenza baxxa li jirrapportaw numri ta' każijiet dejjem ikbar f'individwi mwielda barra l-pajjiż li jirrapporta. Is-sehem ta' każijiet irrapportati ta' TB b'koinfezzjoni tal-HIV (6%) għadu qed jonqos. Ir-rata ta' każijiet ikkonfermati batterjoloġikament (61%) u l-każijiet ikkurati b'suċċess (79%) jibqgħu taħt il-miri Ewropej. Is-sehem ta' tuberkulożi reżistenti għal ħafna mediċini (MDR TB) fl-2010 kien ta' 4.6%, jiġifieri ftit inqas mill-2009. Madankollu, numru ikbar ta' dawn il-każijiet kienu kkaratterizzati bħala TB reżistenti għall-mediċini b'mod estensiv (13%).

Il-puntwalità u l-kompletezza tal-qbid tal-każijiet jibqgħu prijorità, bi bżonn partikolari li jiżdiedu l-kxif u l-kura bikrija ta' każijiet ta' reżistenza għal ħafna mediċini. Is-sensittività u l-kwalità tas-sistemi ta' sorveljanza tat-TB jeħtieġu titjib kontinwu, inkluż tlaqqigħ aħjar bejn ir-rapportar tal-laboratorju u tat-tabib. It-TB hija iktar prevalenti fost gruppi żvantaġġati u marġinalizzati, inklużi migranti, nies mingħajr dar, nies fqar fl-ibliet, ħabsin, nies infettati bl-HIV, u dawk li jieħdu d-droga; hemm bżonn li tingħata iktar attenzjoni lis-sorveljanza, il-kxif bikri u l-kura effettiva tat-TB fost dawn il-gruppi.

## HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment, epatite B u C

L-infezzjoni tal-HIV tibqa' waħda mill-problemi ewlenin tas-saħħa pubblika fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE. In-numru totali ta' każijiet ġodda ġie stabbilit għal madwar 28 000 każ fis-sena, għad li l-epidemjoloġija fil-gruppi ta' riskju tal-popolazzjoni tvarja bejn il-pajjiżi. L-irġiel attivi sesswalment ma' rġiel oħra kien jinvolvu l-ikbar grupp ta' każijiet (38%), segwit minn dawk li ħadu l-virus b'kuntatt eterosesswali fl-Ewropa (24%), u dawk li jieħdu d-droga bil-labra (4%). Trażmissjoni mill-omm għall-wild, infezzjoni nosokomjali, trasfużjoni jew prodotti oħrajn tad-demm ammontaw għal wieħed fil-mija tal-każijiet.

Il-każijiet f'irġiel attivi sesswalment ma' rġiel oħra żdiedu bi 39% bejn l-2004 u l-2010; il-każijiet meħuda bi trażmissjoni eterosesswali baqgħu relattivament stabbli, filwaqt li l-każijiet fil-gruppi ta' riskju l-oħrajn baqgħu jonqsu. Madankollu, kemm il-Greċja kif ukoll ir-Rumanija rrapportaw żidiet kbar fl-HIV fost dawk li jieħdu d-droga bil-labra fl-2011. In-numru ta' dijanjożi rrapportati tal-AIDS kull sena naqas bin-nofs bejn l-2004 u l-2010. In-numru ta' persuni li jgħixu bl-HIV qiegħed jiżdied kontinwament, u dan jirrifletti titjib fl-aċċess għat-trattament u l-kura.

Il-klamidja hija infezzjoni trażmessa sesswalment li tiġi irrapportata b'mod l-aktar frekwenti fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE, b'iktar minn 340 000 każ irrapportati fl-2010. Ir-rati ta' rapporti żdiedu b'iktar mid-doppju tul l-aħħar 10 snin, u dan jirrifletti parzjalment il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex itejbu d-dijanjożi u r-rapportar tal-infezzjoni, inkluż is-sejbien ta' każijiet attivi. Hemm bżonn ta' programmi ta' kontroll komprensivi, immirati b'mod partikolari lejn l-adolexxenti u l-adulti żgħażagħ, biex jonqos l-ammont ta' din l-infezzjoni fl-Ewropa. Ir-rati ta' rapporti għal gonorrea u sifilide huma relattivament stabbli, iżda r-rati u x-xejriet ivarjaw sew bejn il-pajjiżi. Ir-reżistenza li qiegħda tiżdied għall-antibijotiċi li bħalissa jintużaw għall-kura tal-gonorrea hija problema għas-saħħa pubblika li qiegħda tikber. Bosta pajjiżi rrapportaw żidiet kbar fir-rati ta' sifilide assoċjati ma' każijiet fost irġiel attivi sesswalment ma' rġiel oħra.

Is-sorveljanza għall-Epatite B u C fl-UE għaddejja minn reviżjoni, b'sorveljanza Ewropea msaħħa introdotta fl-2010; għaldaqstant, ix-xejriet fl-epidemjoloġija huma tenattivi.

## Mard li jittieħed mill-ikel u l-ilma

Infezzjonijiet b'*Campylobacter* huma l-iktar infezzjonijiet gastrointestinali rrapportati fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE. Ir-rati ta' rapporti qegħdin jiżdiedu; ħafna mill-każijiet huma iżolati, b'ammonti għoljin staġjonali fis-sajf, iżda tifqigħat f'aktar minn pajjiż wieħed mhumiex spissi. Il-laħam tat-tjur jitqies bħala l-iktar sors importanti ta' mard li jittieħed mill-ikel, billi jikkaġuna madwar 20–30% tal-każijiet ta' *Campylobacter* fil-bnedmin.

L-infezzjoni tas-*Salmonella* baqgħet it-tieni l-iktar marda gastrointestinali identifikata b'mod komuni madwar l-UE. L-inċidenza rrapportata tal-infezzjoni ta' *Salmonella* ilha tonqos b'mod kostanti mill-2004, parzjalment minħabba l-programmi ta' kontroll tal-UE fl-irziezet fejn jitrabba l-pollam. Madankollu, is-Salmonella għadha s-sors ta' ħafna tifqigħat, kemm fi ħdan kif ukoll bejn pajjiżi: fl-2011 ġew identifikati erba' tifqigħat multinazzjonali.

Mard parasitiku bħal krittosporidjosi u ġardjasi, huma kawżi relattivament komuni ta' infezzjoni gastrointestinali fl-Ewropa, iżda huma soġġetti għal sottodijanjożi u sottorapportar. Spiss huma assoċjati ma' insuffiċjenza tat-trattament tal-provvista tal-ilma, kif muri mit-tifqigħa kbira ta' *Cryptosporidium* f'Östersund fl-Isvezja fl-2010–11.

Ir-rati ta' każijiet tal-marda tal-Leġjonellożi żdiedu bi 17% fl-2010. Aktarx li anki din hija marda sottorapportata f'bosta Stati Membri. Ġew irrapportati iktar minn 800 każ assoċjati mal-ivvjaġġar, u nstabu mitt raggruppament ta' każijiet relatati mal-ivvjaġġar. Nofs dawn il-każijiet aktarx li ma kinux jinqabdu mingħajr sorveljanza fil-livell Ewropew u fil-ħin reali.

L-ikbar tifqigħa rrapportata ta' infezzjoni ta' *Escherichia coli* li tipproduċi t-tossina Shiga (STEC) seħħet fil-Ġermanja fl-2011, minħabba tip ġdid ta' STEC O104:H4, u kienet relatata mal-konsum ta' kaboċċi kkontaminati. It-tifqigħa tixħet dawl fuq il-bżonn ta' miżuri ta' kontroll biex tiġi żgurata s-sikurezza mikrobika ta' ikel nej u l-iġjene bir-reqqa tal-ikel fil-maniġġ ta' ikel imsajjar lest. Tenfasizza wkoll il-bżonn ta' komunikazzjoni rapida u effiċjenti bejn l-awtoritajiet tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ikel, kemm fi ħdan kif ukoll bejn il-pajjiżi. L-iktar razez komuni ta' STEC baqgħu jikkaġunaw ħafna tifqigħat madwar l-Ewropa.

Numru ta' infezzjonijiet gastrointestinali huma komuni biss f'ċerti pajjiżi u reġjuni fi ħdan l-UE. Il-bruċellożi ġiet irrapportata l-iktar mill-Portugall, Spanja u l-Greċja, assoċjata l-iktar ma' attivitajiet ta' trobbija ta' mogħoż; ħafna mill-każijiet ta' triċinellożi ġew irrapportati mill-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Litwanja li jistgħu jkunu assoċjati mal-konsum ta' laħam minn ħnieżer u ċingjali mrobbija lokalment; ħafna mill-każijiet ta' ekinokokkożi ġew irrapportati mill-Bulgarija. Il-jersinjożi qed tonqos, iżda r-rati tal-każijiet għadhom relattivament għoljin fil-pajjiżi Nordiċi, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja; l-infezzjoni spiss hija assoċjata mal-konsum tal-majjal. Ir-rati tal-każijiet ta' epatite A għadhom relattivament għoljin fil-Latvja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija. Id-deni tat-tifojde u l-paratifojde, kif ukoll il-kolera huma mard mhux komuni fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE, u dan jirrifletti xejriet ta' vvjaġġar lejn pajjiżi fejn dan il-mard huwa endemiku.

## Mard emerġenti u li jittieħed minn vettur

Mard li jittieħed minn vettur għadu piż notevoli għall-Istati Membri, parzjalment permezz ta' vjaġġaturi infettati li jiġu lura minn pajjiżi fejn uħud minn dawn il-mardiet huma endemiċi, b'mod partikolari l-malarja, id-deni dengue u chikungunya. Ir-rati ta' malarja jibqgħu stabbli, filwaqt li r-rati rapportati għad-deni dengue u chikungunya qed jiżdiedu. Milli jidher hemm anki riskju li qiegħed jiżdied f'ċerti pajjiżi tal-UE ta' teħid lokali ta' dawn il-mardiet li qabel kienu jitqiesu biss bħala importati.

Spanja, il-Belġju u l-Greċja rrapportaw każijiet indiġeni ta' malarja fl-2010, u fl-2011 seħħet tifqigħa tal-malarja fil-Greċja. Fl-2010, minn Franza ġew irrapportati żewġ każijiet indiġeni tad-deni dengue u tnejn ta' chikungunya. Fl-2010 fil-Greċja reġa' feġġ id-deni tan-Nil tal-Punent u qiegħed jistabbilixxi ruħu dejjem iktar fl-Istati Membri tax-Xlokk u fil-pajjiżi ġirien, fejn issa jrid jitqies bħala endemiku, b'200 każ ikkonfermati fl-UE rrapportati fl-2010. Parti minn din iż-żieda hija dovuta għal sorveljanza mtejba.

Ir-rati ta' każijiet tad-deni Q għadhom jonqsu, l-iktar minħabba l-eliminazzjoni (2011) tat-tifqigħa nazzjonali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Minħabba l-karatteristiċi kliniċi mhux speċifiċi tiegħu, id-deni Q huwa marda sottodijanjostikata; huwa wkoll mhux irrapportat minn xi pajjiżi. L-infezzjonijiet tal-hantavirus għadhom l-iktar irrapportati fost kull tip ta' deni emorraġiku virali, bl-ogħla rati rrapportati mill-Finlandja. Forom oħrajn ta' deni emorraġiku virali rari ġew irrapportati (bħala każijiet importati iżolati), jew xejn affattu. Fl-2010 jew l-2011 l-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda każ ta' pesta, ġidri, SARS jew suffejra.

Hemm bżonn ta' sorveljanza umana, veterinarja, entomoloġika u ambjentali kkoordinata u msaħħa fl-Istati Membri kollha b'riskju ta' dan il-mard, flimkien mal-iżvilupp ta' kontromiżuri effettivi.

## Mard li jista' jiġi evitat b'vaċċini

L-epidemjoloġija tal-ħosba fl-UE tkompli tonqos. Fl-2010, tifqigħa nazzjonali fil-Bulgarija ammontat għall-maġġoranza tal-każijiet ikkonfermati; fl-2011, ġew irrapportati żidiet kbar fil-każijiet u t-tifqigħat minn bosta pajjiżi tal-UE. L-impenn sabiex jiġu eliminati l-ħosba u r-rubella indiġeni ġġedded għall-2015, iżda dan mhux ser jintlaħaq jekk bosta Stati Membri ma jwettqux interventi effettivi sabiex tiżdied il-kopertura tal-vaċċin.

Ħafna mill-mard l-ieħor li jista' jiġi evitat b'vaċċin baqa' juri jew tnaqqis jew xejra stabbli fl-inċidenza rrapportata ta' każijiet ikkonfermati. Fost il-mard tal-iskeda tal-vaċċin primarju, il-każijiet ta' difterite għadhom rari, limitati għal ftit każijiet f'erba' pajjiżi. Il-każijiet iżolati ta' tetnu ġew irrapportati minn ftit pajjiżi; l-Italja kienet l-eċċezzjoni b'57 każ irrapportat. Fl-2010 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' poljo.

Mard batterjali invażiv (*Neisseria meningiditis* u *Haemophilusinfluwenzae*) baqa' mhux komuni u stabbli fix-xejriet, u dan jirrifletti gwadanni mill-introduzzjoni tal-vaċċin preċedenti. Ir-rati ta' fatalità u diżabilità minn każijiet meningokokkali għadhom sostanzjali. Jidher li ma hemm l-ebda ċaqliq notevoli fis-serotip minħabba l-introduzzjoni tal-vaċċin. Il-mard pnewmokokkali invażiv huwa rrapportat b'mod pjuttost iktar spiss, iżda s-sistemi ta' sorveljanza għal din il-marda huma eteroġeni u mhux universali madwar l-Ewropa.

Ir-rati ta' każijiet ta' gattone jidhru li qed jonqsu mill-eqqel perjodu ta' rapporti fl-2010. Ir-rati ta' każijiet ikkonfermati ta' rubella reġgħu naqsu fl-2010, iżda l-ammont tal-marda huwa diffiċli biex jiġi vvalutat minħabba diskrepanzi fis-sistemi ta' sorveljanza u r-rapportar, u b'mod partikolari rati baxxi ta' konferma fil-laboratorju. Il-pertussi tibqa' infezzjoni relattivament komuni u sottodijanjostikata. Qed jiġu rrapportati numri dejjem ikbar ta' każijiet fost tfal ikbar fl-età, adolexxenti, u adulti, u dan jindika riskju ta' infezzjoni għal tfal iżgħar vulnerabbli.

## Reżistena antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

Ir-reżistenza antimikrobika fl-Ewropa għadha tiżdied, speċjalment f'patoġeni Gram negattivi, filwaqt li s-sitwazzjoni donnha iktar stabbli għal patoġeni Gram pożittivi. Iż-żieda riċenti fir-reżistenza antimikrobika osservata f'*Escherichia coli* u *Klebsiella pneumoniae* ssoktat fl-2010, assoċjata b'mod partikolari mal-okkorrenza ta' razez li jipproduċu beta-lettamasi ta' spettru estiż (ESBL), u reżistenti għal ħafna mediċini. Min-naħa l-oħra, il-perċentwal ta' *Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillina (MRSA) jidher stabbli u qiegħed jonqos f'ċerti pajjiżi. Madankollu, l-MRSA għadha prijorità għas-saħħa pubblika, peress li l-perċentwal ta' MRSA għadu għoli f'bosta pajjiżi, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa.

Matul dawn l-aħħar snin kien hemm okkorrenza li qed tiżdied u tifrix ta' *Enterobacteriaceae* (inklużi *E. coli* u *K. pneumoniae*) fl-Ewropa li huma reżistenti għal karbapenemi. Hemm ftit antibijotiċi disponibbli għall-kura ta' infezzjonijiet ikkaġunati minn dawn l-organiżmi. Barra minn hekk, anki varjanti ġodda ta' dawn l-*Enterobacteriaceae* li jipproduċu karbapenemasi (CPE) qegħdin jidhru iktar spiss, u qed jikkaġunaw kemm tifqigħat lokali kif ukoll epidemiji madwar il-pajjiżi f'faċilitajiet tal-kura tas-saħħa f'bosta pajjiżi Ewropej, b'bosta eżempji ta' trasferiment transkonfinali u trażmissjoni sekondarja fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa. Fl-2011, l-ECDC ħareġ bosta valutazzjonijiet tar-riskju relatati mas-CPE.

Sabiex jiġi vvalutat u segwit l-ammont ta' każijiet tal-marda relatati ma' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAI) madwar l-Ewropa, l-ECDC żviluppa protokolli għal stħarriġiet ta' prevalenza tal-punt imtenni (PPS) ta' HAI u użu antimikrobiku fi sptarijiet ta' kura akuta u faċilitajiet ta' kura fit-tul. Il-protokoll tal-isptar ġie pilotat fl-2010 u sab prevalenza ta' HAI ta' 7.1% f'66 sptar minn 23 pajjiż. L-ewwel stħarriġ ta' prevalenza tal-punt madwar l-UE f'faċilitajiet ta' kura fit-tul stima li jseħħu tal-inqas 2.6 miljun każ ta' HAI fis-sena f'faċilitajiet ta' kura fit-tul, minbarra l-istima li saret qabel mill-ECDC ta' 4.1 miljun pazjent li ħa l-HAI fi sptarijiet ta' kura akuta. It-tnaqqis sostnut tal-inċidenza ta' infezzjonijiet fis-sit kirurġiku wara kirurġija ta' prosteżi tal-ġenbejn mill-2004 ikkonferma l-importanza tas-sorveljanza bħala għodda għall-prevenzjoni ta' HAI fi sptarijiet.

Il-konsum medju ta' antibatteriċi ('antibijotiċi') għall-użu sistemiku fil-komunità (jiġifieri sptarijiet fuq barra) kien ta' 18.3 dożi definiti ta' kuljum (DDD) għal kull 1 000 abitant kuljum, b'medda bejn 11.1 (l-Estonja) u 39.4 (il-Greċja). Il-konsum ta' antibatteriċi fis-settur tal-isptarijiet varja bejn 1.1 (il-Pajjiżi l-Baxxi) u 3.0 (il-Latvja) DDD għal kull 1 000 abitant kuljum.

Il-problema għas-saħħa pubblika ta' reżistenza antimikrobika teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll sforzi ikbar fil-livell nazzjonali. Hemm bżonn ta' progress issoktat fuq l-

użu prudenti ta' antibijotiċi f'kuntesti tal-komunità u tal-isptarijiet, u għall-implimentazzjoni ta' prgrammi integrati mtejba għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' batterji reżistenti għall-antibijotiċi u HAI. Il-parteċipazzjoni ta' sptarijiet fin-netwerk Ewropew ta' sorveljanza tista' żżid impetu addizzjonali mal-programmi ta' sorveljanza bbażati fuq l-isptarijiet.

## Sfidi għas-sorveljanza

Għadd ta' mard jibqa' partikolarment soġġett għal sottodijanjożi u sottorapportar, u b'hekk jikkomplika l-isforzi sabiex jinftiehem l-ammont tagħhom u jiġu żviluppati interventi xierqa tas-saħħa pubblika. Dan il-mard parasitiku tad-dijarea, bħal ġardjasi u krittosporidjosi, li għalihom m'hemmx disponibbli b'rutina servizzi dijanjostiċi fil-laboratorju f'għadd ta' Stati Membri. Sadanittant, ċertu mard għadu mhuwiex qiegħed jiġi rrapportat b'ċerta rutina (jew taħt sorveljanza) minn uħud mill-Istati Membri. Dawn jinkludu bosta li huma responsabbli għal ammont konsiderevoli ta' infezzjonijiet, liema infezzjonijiet ivarjaw minn kampilobatterjożi u pertussi sa gonorrea u malarja. Għal mard ieħor, ir-rapportar tal-każijiet skont id-definizzjonijiet maqbula tal-każijiet tal-UE għadu sfida notevoli għal ċerti Stati Membri.

Is-sorveljanza tal-avvenimenti fil-livell nazzjonali u Ewropew għadu mezz kritiku għall-kxif rapidu u għall-kontroll ta' mard li jittieħed fl-UE. L-ECDC jibqa' jiżviluppa l-għarfien dwar l-epidemiji u l-għodod u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-perikli. L-użu rapidu u xieraq tal-EWRS u n-netwerks ta' informazzjoni ddedikata mill-Istati Membri jibqa' fil-qalba ta' din l-attività.